MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 7/2004/1

**John u Helen konjuġi Vella u *GV Gozo Developments Limited***

***v.***

**Il-Kummissarju tal-Artijiet; l-Avukat Ġenerali; Francis Attard f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-imsiefer Anthony Attard; u Angiolina Attard u Salvina Pace; u b'digriet tas-7 ta' April 2014, stante l-mewt ta' Angiolina Attard l-atti**

**f'isimha gew trasfużi f'isem Francis Attard; u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2014 l-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina gew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Anthony Attard**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fil-15 ta' Lulju 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li ċaħdet talba tagħhom għal rimedju għal dak li l-atturi jqisu bħal ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom, imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["l-Ewwel Protokoll"], meta ġiet miċħuda talba tagħhom għat-neħħija ta' mandat ta' inibizzjoni maħruġ kontriehom. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi kienu għamlu talba lill-Kummissarju tal-Artijiet ["il-Kummissarju"] biex tiġi esproprjata art tal-konvenuti familja Attard biex tkun tista' tinfetaħ triq. Din it-talba ntlaqgħet, u fl-10 ta' Novembru 1999 l-atturi ngħataw permess mill-Kummissarju biex jidħlu fl-art esproprjata u jagħmlu xogħlijiet fiha. Fit-8 ta' Ġunju 1999, iżda, Attard kienu kisbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet <u>Francis Attard *et v.* John Vella *et*</u> (mandat numru 47/1999) biex iżommu lill-atturi milli jidħlu fl-art.

3. Minkejja dan il-mandat (u minkejja diversi rikorsi mill-konvenuti Attard biex l-atturi jiġu mġiegħla joqogħdu għall-mandat) l-atturi xorta daħlu fl-art u għamlu xogħlijiet fuqha. Xi wħud minn dawn ix-xogħlijiet kienu saru, fuq talba tal-atturi, minn korporazzjonijiet pubbliċi li għaddew xi servizzi minn fuq l-art.

4. L-atturi talbu lill-qorti li kienet ħarġet il-mandat biex tħassru, iżda b'dikriet tal-4 ta' Marzu 2003 il-qorti ordnat illi jittieħdu proċeduri kontra tagħhom għal disprezz tal-awtorità tagħha talli għamlu u ġiegħlu lil min jagħmel xogħlijiet fuq l-art minkejja l-mandat, ordnat illi dawk ix-xogħlijiet jitneħħew u irriservat illi tipprovdi dwar it-talba għat-tħassir tal-mandat wara li jkunu tneħħew ix-xogħlijiet.

5. B'rikors ieħor tat-3 ta' April 2004 l-atturi għarrfu lill-qorti illi kienu tneħħew ix-xogħlijiet li kienu għamlu huma fuq l-art u għalhekk reġgħu talbu t-tħassir tal-mandat. Billi iżda x-xogħlijiet li kienu saru, fuq talba tal-atturi, minn korporazzjonijiet pubbliċi ma kinux tneħħew, il-qorti b'dikriet tad-9 ta' Jannar 2004 ipprovdiet hekk dwar it-talba:

> "Jonqos biss is-servizzi li, fil-mori tal-mandat ta' inibizzjoni relattiv, laħqu tqiegħdu mill-korporazzjonijiet pubbliċi fuq talba *ex admissis* tal-istess rikorrent. ... Peress illi dawn is-servizzi ġew mgħoddija fuq din l-art, wara talba tar-rikorrent stess, meta kien jaf illi ma setgħu jsiru ebda xogħlijiet fuq l-istess art, terġa' tikkonferma d-digriet preċedenti tagħha fis-sens illi qabel ma l-qorti tkun tista' tikkunsidra t-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-mandat safejn jolqot l-art li ġiet sussegwentement esproprijata mill-gvern, huwa għandu jara kif jilħaq tip ta' ftehim mal-istess korporazzjonijiet sabiex jerġgħu jitneħħew dawn is-servizzi, ħalli b'hekk ikun jista' tassew jingħad illi l-art *de quo* reġgħet tqiegħdet fl-istat oriġinali taghha."

6. L-atturi jgħidu illi din id-deċiżjoni fixklithom fit-tgawdija ta’ ħwejjiġhom għax “timponi fuq[hom] restrizzjonijiet b’ebda mod ġustifikabbli”. Għalhekk fetħu l-kawża tallum biex jitolbu rimedju taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll.

7. L-ewwel qorti ċaħdet it-talba tal-atturi wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> “Il-fatti relatati mal-esproprju tal-art jirriżulta[w] minn *affidavit* ta’ Margaret Falzon, Assistent Direttur fid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà:
>
> “i. John Vella kien għamel talba lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex tiġi esproprijata art biex ikun jista’ jiftaħ triq fuq art li kienet skedata għal dan il-għan;
>
> “ii. fit-30 ta’ Marzu 1999, Vella għan-nom ta’ *GV Gozo Developments Limited* iffirma kuntratt ta’ obbligazzjoni mal-Kummissarju tal-Artijiet, fejn obbliga ruħu li jħallas l-ispejjeż kollha tal-esproprju;
>
> “iii. Fis-7 ta’ Ottubru 1999 sar l-esproprju (avviż numru 734);
>
> “iv. Il-kumpannija *GV Gozo Developments* talbet permess lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jawtorizzaha tidħol fl-art esproprijata. Permess li ngħata b’effett mill-10 ta’ Novembru 1999.
>
> “Fatti oħra rilevanti għall-każ huma li:-
>
> “i. fis-16 ta’ April 1999 Francis Attard f’ismu u bħala mandatarju tal-imsiefer Anthony Attard, Angiolina Attard u Salvina Pace ippreżentaw rikors kontra John Vella u *GV Gozo Developments Limited* u Carmel Vella sabiex jiġu inibiti milli: “... personalment jew permezz ta’ terzi, tidħlu, taċċedu jew tagħmlu kwalsiasi xogħlijiet ikunu ta’ liema natura jkunu f’diversi porzjonijiet ta’ art appartenenti lir-rikorrenti fl-inħawi magħrufa bħala *Ta’ Skarsu* aċċessibbli minn Triq l-Arċipriet Grech u kif ukoll minn Triq Ħamsin, Xewkija Għawdex”;
>
> “ii. b’digriet mogħti fit-8 ta’ Ġunju 1999 il-qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ordnat il-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni;
>
> “iii. minkejja l-mandat ta’ inibizzjoni, John Vella xorta daħal fl-art u għamel xogħlijiet. Mill-atti jirriżulta wkoll li f’xi żmien matul is-sena 2002 minn fuq l-art għaddew is-servizzi tad-dawl u ilma fuq talba tal-istess Vella.
>
> “Hu evidenti li r-rikorrenti ħadu l-liġi b’idejhom bi ksur flagranti tal-ordni tal-qorti. Il-problemi li nqalgħu kien proprju minħabba l-atteġġjament tar-rikorrenti. Minflok talbu r-revoka tal-mandat, qabdu u okkupaw l-art.

Għalkemm kellhom l-awtorizzazzjoni mill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jidħlu fl-art u jagħmlu xogħlijiet relatati mal-ftuħ ta' triq, xorta kellhom l-obbligu li fl-ewwel lok jitolbu r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni. B'dan it-tip ta' atteġġjament ir-rikorrenti għamlu deni lilhom infushom.

"<u>Leġittimu kontradittur (Kummissarju tal-Artijiet)</u>

"Bla dubju l-Kummissarju tal-Artijiet ġie mharrek inutilment. L-ilment tar-rikorrenti hu dwar id-digriet tad-9 ta' Jannar 2004, ċjoè l-ordni tal-qorti. F'dan kollu l-Kummissarju tal-Artijiet ma kellu x'jaqsam xejn. Fil-fatt lanqas kien parti fil-proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni numru 47/1999.

"<u>Eżawriment tar-rimedji ordinarji</u>

"M'hemmx dubju li r-rikorrenti kellhom mezzi ordinarji sabiex jimpunjaw id-digriet tad-9 ta' Jannar 2004 li bih il-qorti ssospendiet l-għoti ta' digriet finali dwar it-talba għar-revoka tad-digriet tat-8 ta' Ġunju 1999 sakemm l-art terġa' titqiegħed kollha fl-istat li kienet qabel bdew isiru x-xogħlijiet. Ma kien hemm xejn li qiegħed iċaħħad lir-rikorrenti milli jikkontestaw tali digriet f'kawża *ad hoc* għar-raġuni li f'dak l-istadju s-sidien oriġinali ma kellhomx dritt li jibqgħu jinsistu li jitneħħa x-xogħol li kien sar minn terzi, ġaladarba l-art kienet esproprijata u kien għadda l-perjodu kontemplat mil-liġi qabel il-pussess igħaddi għand il-gvern.

"<u>Fil-Meritu</u>

"Madankollu l-qorti xorta ser tikkunsidra l-ilment tar-rikorrenti fil-meritu. Huma jsostnu li l-ordni tal-qorti kien ifisser tfixkil fit-tgawdija tal-beni tagħhom. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

"i. l-awtorizazzjoni mill-Kummissarju tal-Artijiet kienet ingħatat lil *GV Gozo Developments Limited* u mhux lir-rikorrenti l-oħra;

"ii. l-esproprijazzjoni li seħħet bl-Avviż Legali tas-7 ta' Ottubru 1999 ma ġabitx fix-xejn il-mandat ta' inibizzjoni numru 47/1999;

"iii. hu minnu li l-esproprijazzjoni kienet tfisser li wara t-terminu kontemplat fil-Kap. 99 (ara artikolu 12) l-art saret disponibbli lill-gvern.

"... ... ...

"Fil-fehma tal-qorti:-

"i. Ir-rikorrenti ma kellhiex il-pussess tal-art ġaladarba kien hemm mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tagħhom li ma kienx jippermettilhom li jidħlu fl-art u jagħmlu xogħol fiha. ... ... ... [l]d-dikjarazzjoni maħruġa mill-Kummissarju tal-Artijiet fl-10 ta' Novembru 1999 qatt ma seta' kellha l-effett li tagħti l-pussess fiżiku tal-art lir-rikorrenti.

"ii. Il fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet ta l-permess (ittra datata 10 ta' Novembru 1999) sabiex il-kumpannija tidħol fl-art u biex tagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa skond dak dikjarat fl-att notarili tat-30 ta' Marzu 1999 pubblikat min-nutar Dr Vincent Miceli ma jfissirx li l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni spiċċaw.

"iii. Ir-rikorrenti jargumentaw li "il-fatt illi kien ġie ppubblikat l-att relattiv għal din l-art u li r-rikorrenti ħallas il-valur ta' din l-art ċertament li jikkwalifika bħala dritt ta' proprjetà in linea mal-interpretazzjoni tal-qrati tagħna kif ukoll dik Ewropea". Però l-ordni li tat il-qorti ma kellu x'jaqsam xejn mal-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1999. Il-ħlas ta' Lm7,085 sar lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex tinxtara l-art mingħand is-sidien. Wieħed jista' jargumenta li *GV Gozo Developments Limited*, ladarba ħallset dik is-somma flus, kellha l-aspetattiva li tingħata l-permess li tidħol tokkupa l-art. Però għall-qorti din kien *res inter alios acta*. Dan apparti l-fatt li bil-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1999 *GV Gozo Developments Limited* ma kenitx ingħatat permess sabiex tidħol fl-art. Għalhekk il-qorti ma taqbilx mar-rikorrent li l-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1999 kien jikkwalifika bhala xi "dritt ta' proprjetà".

"iv. F'kull kaŻ id-digriet tad-9 ta' Jannar 2004 kien provvediment provviżorju sakemm ir-rikorrenti jwettqu dak li kienet ordnat bid-digriet tal-4 ta' Marzu 2003. Bih il-qorti ma kenitx qiegħda ċċaħħad lir-rikorrenti minn dak li seta' kien jippossjedi.

"v. Ir-rikorrenti stess jammettu, f'rikors li kienu ppreżentaw fit-3 ta' April 2003, li: "... kienu daħlu fil-parti esproprijata qabel ma kienet saret it-talba quddiem din il-qorti sabiex jitneħħew l-effetti tal-mandat in kwantu jolqtu l-istess biċċa art esproprijata ...". Saħansitra waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 1999 meta ġie trattat ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ġie ddikjarat hekk: "Dr Monica Vella għall-intimati tiddikjara illi l-intimati jintrabtu illi ma jagħmlu l-ebda xogħol fil-proprjetà tar-rikorrenti". Hu minnu li f'Ottubru 1999 seħħ l-espropriju; madankollu l-proprjetà xorta baqgħet tas-sidien oriġinali. Minkejja l-obbligazzjoni li ntrabtu biha Vella u *GV Gozo Developments Limited*, xorta għamlu ta' rashom, u illegalment daħlu fl-art u bdew ix-xogħol biex jiffurmaw it-triq. Konferma ta' dan tirriżulta mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 47/1999. Atteġġjament li mhu xejn għajr sfida għall-awtorità tal-qorti. Kien f'dan l-isfond li fid-digriet mogħti fl-4 ta' Marzu 2003 il-qorti, wara rikorsi li saru mis-sidien fid-19 ta' Ottubru 1999, 28 ta' Ottubru 1999, 23 ta' Frar 2000, 14 ta' Ġunju 2001, filwaqt li għamlet riferenza għall-artikolu 12(3) tal-Kap. 88 osservat:

> ""Madankollu ma jirriżultax illi tal-anqas sal-10 ta' Novembru 1999 il-Kummissarju tal-Artijiet kien awtorizza lill-intimati sabiex jidħlu fl-art in kwistjoni … … …".

"Mela l-qorti kienet iffaċata b'sitwazzjoni fejn persuna ħadet il-liġi b'idejha. Fil-fehma tal-qorti wkoll jekk wieħed kellu jargumenta li d-digriet jikkwalifika bħala kontroll ta' użu ta' possedimenti, dan kien fl-interess ġenerali. Hu d-dmir tal-qorti li tiżgura li l-ordnijiet tagħha jiġu osservati. Wara kollox l-ordni li tat il-qorti bid-digriet tal-4 ta' Marzu 2003 ma kien xejn għajr applikazzjoni ta' dak li jipprovdi l-artikolu 873(4) tal-Kap. 12. Meta r-rikorrenti talbu lill-korporazzjonijiet relattivi sabiex fl-art jitqiegħdu s-servizzi, minkejja li kien hemm l-ordni tal-qorti, hemm ukoll kienu qegħdin b'mod indirett jiksru l-ordni tal-qorti relatat mal-mandat ta' inibizzjoni. Wieħed jista' forsi ma jaqbilx mal-fatt li l-qorti baqgħet tinsisti li jitneħħa x-xogħol kollu li sar ġaladarba l-art kienet ġiet esproprijata u kien għadda t-terminu ta' 14-il jum kontemplat fl-artikolu

12 tal-Kap. 88 biex b'hekk l-art kienet disponibbli lill-gvern. Madankollu hu evidenti li l-qorti ma kenitx lesta li tikkunsidra t-talba tar-rikorrenti qabel titwettaq l-ordni mogħtija bid-digriet tal-4 ta' Marzu 2003. F'dak l-istess digriet il-qorti mmotivat id-deċiżjoni tagħha fuq il-prinċipju tar-*rule of law*, fis-sens li "... ħadd ma jidher illi jista' jieħu l-liġi f'idejh, qatt ma setgħu jaqbdu u jkomplu bix-xogħlijiet proġettati f'din l-art sakemm ma tkunx ġiet revokata l-ordni tal-qorti bl-opportun kontromandat".

"vi. Dwar l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti m'għamlu l-ebda sottomissjoni fin-nota li ppreżentaw fl-24 ta' April 2013. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

"(a) l-art ma kenitx proprjetà tar-rikorrenti;

"(b) bid-digriet tad-9 ta' Jannar 2004 ma ttieħdet l-ebda proprjetà, interess jew dritt ta' proprjetà.

"L-ilment tar-rikorrenti bażat fuq dan il-provvediment hu għal kollox frivolu.

"Fl-aħħarnett il-qorti ma tistax tonqos milli tosserva li waqt is-seduta tat-23 ta' April 2012 ir-rikorrent iddikjara li:-

> ""L-art li ġiet esproprijata u mertu ta' dawn il-proċeduri m'għadx għandu interess igħaddi minnha peress li l-aċċess għall-proprjetà tiegħu hi llum minn Triq Indrì Borg li kien kompla jiffurmaha".

"Mill-atti hu evidenti li din il-proċedura giet intavolata wara d-digriet tad-9 ta' Jannar 2004 sabiex ir-rikorrenti jipprovaw jiżblukkaw is-sitwazzjoni li sabu ruħhom fiha minħabba l-aġir tagħhom u jkunu jistgħu jidhlu fl-art milquta mill-esproprijazzjoni. Tant dan hu minnu li r-rikorrenti qegħdin jitolbu sabiex il-qorti: "tordna lill-intimati jagħtu lir-rikorrent aċċess sħiħ għall-proprjetà tiegħu". Hu evidenti li fil-kors tal-proċeduri r-rikorrenti sabu rimedju ieħor. Tant hu hekk li mill-atti jirriżulta kif mill-25 ta' Ġunju 2004 (data tal-ewwel smigħ tar-rikors) sas-27 ta' Ottubru 2009 ma sar xejn. Mill-verbali jirriżulta li li l-qorti kienet qegħda tiġi infurmata li l-partijiet kienu qegħdin jipprovaw jittransiġu. Fil-fehma tal-qorti min ikollu interess ġenwin mhux ser iħalli dawn is-snin kollha u jibqa' passiv fil-proċeduri li hu stess ikun ippropona."

8. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-2 ta' Awissu 2013 li għalih il-Kummissarju u l-Avukat Ġenerali wieġbu fil-15 ta' Awissu 2013, u Francis Attard u Salvina Pace wieġbu fl-10 ta' Settembru 2013. L-aggravji tal-atturi qegħdin jinġiebu hawn *verbatim*:

"L-aggravji tal-appell huma s-segwenti:

"(i) l-esponenti ma jaqblux mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel qorti. Mill-fatti jirriżulta li l-proċedura ta' esproprju tal-proprjetà mertu ta' din il-kawża ġiet konkluża fis-7 ta' Ottubru

1999. Qabel dan kien hemm ukoll aspettativi raġonevoli li dan l-esproprju kien ser isir, fosthom il-fatt illi fit-30 ta’ Marzu 1999 l-esponenti John Vella għan-nom ta’ *GV Gozo Developments Limited* kien iffirma kuntratt ta’ obbligazzjoni mal-Kummissarju tal-Artijiet. Sussegwentement is-soċjetà esponenti kienet talbet anki permess lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jawtorizzaha tidħol fl-art espropriata. Dan il-permess ingħata b’eftett mill-10 ta’ Novembru 1999;

“ii. L-ewwel qorti kkonkludiet illi “l-problemi li nqalgħu kien propru minħabba l-atteġġjament tar-rikorrenti. ... B’dan it-tip ta’ atteġġjament ir-rikorrenti għamlu deni lilhom infushom”. Mingħajr ma wieħed jelabora fuq il-kwistjoni tal-atteġġjament innifsu, f’dan l-istadju jirriżulta preġudizzju fil-konfront tal-esponenti, u li per konsegwenza l-ewwel qorti naqset milli tagħti d-debita importanza għal diversi fatti, fosthom:

“(a) l-esponenti kellhom aspettativa raġonevoli ta’ dritt ta’ proprjetà li tikkonsisti fil-fatt illi l-proċedura kienet avvanzata u ultimament ġiet konkluża;

“(b) ġiet miċħuda t-talba tal-esponenti għar-revoka tal-mandat ta’ inibizzjoni meta kien hemm din l-aspettativa raġonevoli, li fiha nnifisha tagħti lok għal dritt ta’ proprjetà, u aktar tard meta kien sar l-esproprju. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri (fil-proċedura tal-mandat ta’ inibizzjoni) iddekretat:

> ““Jonqos biss is-servizzi li, fil-mori tal-mandat ta’ inibizzjoni relattiv, laħqu tqiegħdu mill-korporazzjonijiet pubbliċi fuq talba *ex admissis* tal-istess rikorrent. ... Peress illi dawn is-servizzi ġew mgħoddija fuq din l-art, wara talba tar-rikorrent stess, meta kien jaf illi ma setgħu jsiru ebda xogħlijiet fuq l-istess art, terġa’ tikkonferma d-digriet preċedenti tagħha fis-sens illi qabel ma l-qorti tkun tista’ tikkunsidra t-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-mandat safejn jolqot l-art li ġiet sussegwentement esproprijata mill-gvern, huwa għandu jara kif jilħaq tip ta’ ftehim mal-istess korporazzjonijiet sabiex jerġgħu jitneħħew dawn is-servizzi, ħalli b’hekk ikun jista’ tassew jingħad illi l-art *de quo* reġgħet tqiegħdet fl-istat oriġinali taghha.”

“Illi għaldaqstant huwa ċar illi, għalkemm kien hemm attitudini ħażina, u l-esponenti mar kontra ordni tal-qorti, dawn il-miżuri kienu sproporzjonati, u *in vista* tal-kambjament fiċ-ċirkostanzi, aktar u aktar, ġaladarba l-esponenti John Vella ġie kkundannat għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, l-esponenti qegħdin iħallsu darbtejn għall-iżball tiegħu.

“L-esponenti wkoll rna jaqbilx mal-konklużjoni tal-ewwel qorti illi: “Minflok talbu r-revoka tal-mandat, qabdu u okkupaw l-art”. Jirriżulta mid-digriet ċitat hawn fuq stess illi rikors għar-revoka ġie intavolat però l-qorti irrifjutat illi biss tikkonsidera t-talba qabel ma jseħħu ċerti kondizzjonijiet illi, bir-rispett kollu jerġa’ jingħad, dak iż-żmien kienet miżura eċċessiva *in vista* tal-fatt illi il-proċedura ta’ esproprju kienet ġiet finalizzata.

"Dak li kienet ordnat il-qorti sabiex isir qabel ma din tgħaddi sabiex tikkunsidra t-talba għar-revoka kien it-tneħħija ta' servzzi pubbliċi li kienet għaddiet il-korporazzjoni relativa u kwindi ma setgħux l-esponenti jwettqu dan huma stess, għax m'hux fil-kontroll tagħhom. *Inoltre*, wieħed irid ukoll jifhem li dawn is-servizzi pubbliċi ġew mgħoddija u qegħdin iservu sabiex jaqdu r-residenti tat-triq kollha u mhux lill-esponenti. L-esponenti kienu qegħdin jiġu ostakolati mit-tgawdija ta' dritt ta' proprjetà u l-qorti rrifjutat milli tikkonsidera t-talba għar-revoka qabel ma parti terza u estranea għall-proċeduri twettaq xi xogħlijiet. Din hija ċertament miżura sproporzjonata u inġusta, u s-sustanza kellha tipprevali. Huwa minnu li l-qrati għandhom l-interess ġenerali u d-dmir li jiżguraw li l-ordnijiet tagħhom jiġu osservati u li *ai termini* ta' prinċipju ta' *rule of law* ħadd ma jista' jieħu l-liġi f'idejh. Biss però l-esponenti kienu diġà ħallsu ta' dan u huwa inġust li huma jħallsu darbtejn. *Inoltre*, ġaladarba kien hemm il-kambjament fiċ-ċirkostanzi peress illi ġie konkluż l-esproprju, il-fatt illi l-esponenti kienu qiegħdin jigu mċaħħda mill-proprjetà tagħhom u l-qorti tirrifiuta li tikkonsidera r-rikors għar-revoka sakemm jitneħħew (minn terzi) s-servizzi (li kienu jservu lit-triq kollha u mhux lill-esponenti biss) minn fuq l-art sabiex, wara r-revoka, dawn jerġgħu jitqiegħdu, din kienet miżura eċċessiva bl-uniku għan illi terġa' tikkastiga lill-esponenti u ċċaħħadhom mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom;

"(ċ) l-esponenti ħadu r-rimedji ordinarji permezz tal-intavolazzjoni tar-rikors għar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni, iżda l-qorti irrifrutat illi biss tikkonsidera t-talba għal revoka kemm-il darba ma jitneħħewx is-servizzi. Is-sitwazzjoni preżenti hi li terzi għandhom aċċess għall-proprjetà tagħhom minn fuq din l-art li ġiet espropriata, u l-esponenti huwa milqut bil-mandat ta' inibizzjoni għaliex dan għadu *in vigore* u ma għandux aċċess minn hemm;

"(d) l-ewwel qorti naqset milli tagħti d-debita importanza lill-ġurisprudenza kemm tal-qrati tagħna kif ukoll dik Ewropea illi permezz tagħhom ċertament li l-fatt illi kien ġie ppublikat l-att relattiv għal din l-art u li l-esponenti ħallas il-valur korrispettiv jikkwalifika bħala dritt ta' proprjetà, ukoll peress illi anki l-aspettativa nnifisha tikkwalifika bħala dritt ta' proprjetà, u li ma kien hemm ebda interess pubbliku li jiġġustifika tfixkil u interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt.

"(iii) illi permezz tad-digriet tal-qorti, il-mandat baqa' *in vigore* u dan kellu l-effett li jċaħħad lill-esponenti mill-użu u t-tgawdija tal-proprjetà, u mhux minnu li ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji u ma jista' ħadd jinħeba wara r-rimedju ordinarju sabiex ma tiġix investigata kwistjoni ta' drittijiet fondamentali u l-aspett tat-tgawdija. It-tgawdija tal-proprjetà hija ċara u ma hemmx bżonn li wieħed jelabora ulterjorment. Pjuttost hu l-effett tal-ordni tal-qorti, li fil-kuntest u minkejja kollox baqgħet ma ratx, mingħajr ebda

> ġustifikazzjoni, illi l-esponenti kienu qiegħdin jiġu mċaħħdin mit-tgawdija tal-proprjetà u tal-possessjoni (*sic*).”

9. Safejn huwa possibbli li tislet b’mod linejari l-argumenti tal-atturi, jidher illi dawn huma tlieta: (i) illi l-atturi kellhom “aspettativa” li tiswa daqs “possediment” u li għalhekk jixirqilha ħarsien; (ii) illi l-kondizzjoni li ġiet imposta għat-tħassir tal-mandat ma kinitx proporzjonata, ukoll għax ma hijiex ħaġa fis-setgħa tal-atturi; u (iii) illi ċ-ċirkostanzi nbidlu issa illi ġiet finalizzata l-proċedura tal-esproprjazzjoni.

<u>L-aspettativa</u>

10. Huwa minnu illi aspettativa tista’ tkun “possediment” għall-għanijiet tal-ħarsien tal-jedd għat-tgawdija. Din l-aspettativa iżda trid tkun leġittima u l-aspettativi leġittimi li jixirqilhom ħarsien ma jitnisslux mill-ksur tal-liġi. L-aspettativa leġittima li jista’ jkollu min, bħall-atturi, jisker u jisfida ordni tal-qorti, hija biss illi jkun imġiegħel ineħħi l-istat ta’ illeġalità li jkun ħoloq bil-ksur tal-liġi u mhux illi l-illegalità tiġi konvertita f’legalità.

11. Fil-każ tallum l-atturi għażlu li ma joqogħdux għal ordni tal-qorti u issa għandhom “aspettativa” illi dik l-ordni titħassar sabiex ikunu jistgħu jżommu dak li kisbu leġittimament. Din hija l-aspettativa ta’ min bi ksur tal-liġi joħloq stat ta’ fatt favorevoli għalih u mbagħad jistenna li tiġi ratifikata l-illegalità biex ikompli jgawdi l-qligħ illeċitu tiegħu. Din iżda ma hijiex aspettativa li jixirqilha ħarsien, wisq anqas ħarsien ta’ dritt fondamentali.

Il-proporzjonalità

12. L-atturi jgħidu wkoll illi hemm nuqqas ta’ proporzjonalità bejn il-għan mixtieq – it-tneħħija tal-illegalità – u l-mezz. Fil-fatt iżda dak li jrid id-dikriet tad-9 ta’ Jannar 2004 huwa t-tneħħija tal-illegalità: xejn aktar u xejn anqas. Hekk kif, min jagħmel att ta’ spoll, ma jistax jirrevindika l-proprjetà qabel ma jneħħi l-effett tal-ispoll, bla ma b’hekk ikun ġarrab tfixkil illeċitu fil-jedd tiegħu ta’ proprjetà, hekk ukoll min jieħu vantaġġ billi jagħmel illegalità ma jistax jippretendi li l-liġi tagħtih rimedju qabel ma jneħħi dak li jkun għamel bi ksur tal-liġi. Dan huwa prinċipju ta’ ordni pubbliku, biex tingħeleb il-mentalità li jaqbillek “tikkapparra” t-tgawdija bi ksur tal-liġi biex forsi eventwalment l-illegalità tkun sanzjonata, mentalità li tippremja lil min jikser il-liġi u tippenalizza lil min ifittex li jħarisha f’kollox. Il-prinċipju huwa sempliċi u elementari: li kieku l-atturi fehmu mill-bidu illi ma humiex sejrin jiksbu dak li jridu qabel ma jkunu neħħew dak li għamlu bi ksur tal-liġi, kieku ma kinux jiksru l-liġi. Dik hija t-tagħlima li trid tagħti l-liġi, iżda l-messaġġ li jingħata jkun proprju l-oppost ta’ dan jekk jintlaqgħu t-talbiet tal-atturi.

13. U lanqas ma jistgħu l-atturi jilmentaw illi ma huwiex fis-setgħa tagħhom li jneħħu x-xogħlijiet li saru – fuq inizjattiva tagħhom, wara kollox – minn terzi. Dik ħaġa li kien messhom rawha meta, b’għajnejhom miftuħa, għażlu li jġiegħlu li jsiru x-xogħlijiet minkejja l-mandat ta’ inibizzjoni. Issa li ħadu r-riskju, *imputent sibi*. Imbagħad, wara kollox,

kif sabu l-mezz li jġiegħlu lil terzi jagħmlu x-xogħlijiet, daqstant ieħor jekk hemm ir-rieda jsibu l-mezz kif iġiegħlu lil terzi jneħħu x-xogħlijiet.

<u>Il-bdil fiċ-ċirkostanzi</u>

14. L-aħħar argument tal-atturi jidher illi huwa illi, issa illi nbidlu ċ-ċirkostanzi u l-konvenuti li kienu sidien tal-art issa ma għadx għandhom interess fiha, tonqos il-ġustifikazzjoni biex il-mandat jibqa' fis-seħħ.

15. Dan jista' jkun argument li jista' jkollu meritu fil-kawża li saret minn min kiseb il-ħruġ tal-mandat: jekk naqas l-interess tintemm il-kawża u jintemmu ukoll il-mandati kawtelatorji maħruġa biex jitħares interess illi issa ntemm, jekk tassew ġara hekk. Din iżda hija indaġni relevanti għall-għanijiet tal-kawża ċivili mhux dik kostituzzjonali, u r-rimedju jkun wieħed ċivili mhux kostituzzjonali.

16. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------